**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 87**
**L-Erbgħa, 8 ta' Frar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**Ħ'ATTARD – TRIQ IN-NUTAR ZARB - RAMPA**

**4648. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3291, jista' l-Ministru jgħid jekk hux se ssir ir-rampa li kienet tneħħiet fi Triq in-Nutar Zarb kantuniera ma' Triq Ħal Qormi, f'Ħ'Attard? Ir-rampa li tneħħiet hija kantuniera ma' Beldiam Jewellery.

30/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li huwa ppjanat li issir rampa fi Triq in-Nutar Zarb kantuniera ma' Triq Ħaż-Żebbug fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 87
08/02/2023

**UŻU TA' PESTIĊIDI**

**4672. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3539, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jelenka f'liema post qiegħda Malta, fost il-pajjiżi Ewropej, fl-użu tal-pestiċidi? Jista' jgħid hux se jnaqqas l-użu tal-pestiċidi?

01/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Kompetenti għall-Użu responsabbli tal-Pestiċidi hija l-MCCAA li taqa' taħt il-Ministru responsabbli mill-Konsumatur. Però peress li konxji li dan is-suġġett għandu relevanza qawwija kemm għas-settur agrikolu li responsabbli għalih bħala Ministeru għall-Agrikoltura, nista' nsemmi diversi miżuri li li qegħdin inwettqu sabiex nippromwovu t-tnaqqis u l-użu responsabbli tal-pesticidi.

Fil-fatt, il-progett AGRIHUB, proġett ta' aktar minn 2 miljun Ewro kofinanzjat mill-fondi Ewropej għall-Iżvilupp Rurali, huwa mmirat sabiex jippromwovi l-kunċett ta' Integrated Pest Management bl-użu ta' teknologija moderna. L-għan tal-AGRIHUB huwa li jservi ta' post fejn riċerkaturi, innovaturi, bdiewa u raħħala qed jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw prattiċi u teknoloġiji innovattivi agrikoli ġodda.

Permezz ta' dan il-proġett qed tinġabar informazzjoni mill-bdiewa biex niddokumentaw prattiċi agrikoli lokali, bnejna stazzjon ta' monitoraġġ biex tiġbor informazzjoni minn sensors installati f'għelieqi, niżviluppaw strateġija ta' riċerka, u qed nimplimentaw siti pilota għal ġestjoni integrata tal-pesti. Ir-riżultati qed jintuzaw sabiex jiġu ppreparati linji gwida dwar Integrated Pest Managment, bl-intenzjoni li jitnaqqas u jkun hemm użu responsabbli ta' pesticidi. Il-bdiewa ser ikunu qed jiġu mgħejuna mill-Agriconnect li joffri għajnuna lill-bdiewa sabiex jaddottaw dawn il-prattiċi kif ukoll jibbenefikaw minn miżuri apposta permezz ta' fondi ewropej taħt il-CAP Strategic Plan.

Apparti minn hekk, dan il-Gvern sema' u fehem li l-bdiewa lokali huma żvantaġġjati fl-aċċess ta' pestiċidi organiċi u oħrajn aktar sostenibbli. Kien għalhekk li propiju kif wegħedna fil-Programm Elettorali tagħna propju f'miżura 595, f'Ġunju li għadda flimkien mal-kollega Ministru l-Onor. Julia Farrugia, b'ħidma konġunta bejn il-Ministeru tiegħi flimkien mal-MCCAA, ħabbarna li bdejna proċess ta' reġistrazzjoni ta' pestiċidi li huma diġa' reġistrati fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li iżda m'humiex reġistrati f'Malta. Dan wara diskussjonijiet li kellna mal-Kummissjoni Ewropea fejn spjegajna li ħafna drabi konna qed insibu diffikultajiet mill-manifatturi ta' dan it-tip ta' pestiċidi għaliex ma jarawx vijabilità fis-suq żgħir tagħna. Permezz ta' proġett pilota saret reġistrazzjoni ta' l-ewwel 3 pesticidi biex il-bdiewa tagħna wkoll jibda jkollhom firxa usa' ta' dawn ir-riżorsi. Dan huwa proċess li se jkun wieħed kontinwu.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, aħna kommessi li nwettqu l-obbligi ta' Malta bħala pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-European Green Deal.

Seduta 87
08/02/2023

**TRABI TA' KOPPJI BARRANIN**

**4758. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm trabi li twieldu lill-koppji barranin mill-2021 sal-lum?

05/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi minn Jannar 2021 sa 30 April 2022 ( l-aħħar statistika miġbura) twieldu 1406 trabi lil koppji barranin.

Seduta 87
08/02/2023

**OMMIJIET MINN PAJJIŻI TERZI LI WELLDU TRABI HAWN MALTA**

**4759. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm ommijiet minn pajjiż terzi li welldu trabi hawn Malta mill-2021 sal-lum?

05/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu bejn 1 ta' Jannar 2021 u 30 ta' April 2022 kien hemm 1198 ommijiet ta' nazzjonalità minn pajjiżi terzi li welldu trabi hawn Malta.

Seduta 87
08/02/2023

**INVESTIGAZZJONI FIR-REKLUTAĠĠ TAL-PULIZIJA**

**4760. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3326, jista' l-Ministru jgħid meta sar dan it-tibdil, jekk hux fil-bidu tal-kors jew qabel qagħdu għall-eżamijiet? Jista' l-Ministru jgħid jekk dan it-tibdil jgħoddx għall-intakes futuri ta' rekluti tal-pulizija?

05/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirefferi għall-Mistoqsija Parlamentari 4645.

Seduta 87
08/02/2023

**BORD TAL-AKKADEMJA TAL-BORD DIXXIPLINAT TAL-PULIZIJA - MEMBRI**

**4761. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tal-Akkademja tal-Bord Dixxiplinat tal-pulizija?

05/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Bord tal-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati huwa magħmul kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Chairperson | Prof. Raymond Mangion |
| Deputy Chairperson | Dr Janice Formosa Pace<br>PhD Bpsych PGDip ProbServ<br>MSc Forensic & Legal Psychology |
| Membru | Commander AFM jew rappreżentant tiegħu |

| | |
|---|---|
| Membru | Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu |
| Membru | Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jew rappreżentant tiegħu |
| Membru | CEO Aġenzija Servizzi Korrettivi |
| Membru | Dr Edward Mifsud BSc (Chem&Biol), PGCE (Science), MSc (Agric Sc), DEAM, PhD (UCL - IOE) bħala rappreżentant tal-Universita ta' Malta |
| Membru | Dr. Ann Marie Cassar bħala rappreżentanta tal-MCAST |
| Membru | Is-Sur Joseph Brincat |
| Segretarja | Is-Sa Sharon Borg Myatt |

Seduta 87
08/02/2023

**TESTIJIET TAL-MRI U MRI TAĦT IL-LOPPJU – WAITING LIST**

**5358. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa:
Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila, bħala ġranet, il-waiting list biex isir test ta' MRI u MRI taħt il-loppju, u kemm hemm persuni jistennew għal din il-proċedura sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

18/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija għall-MRI jiddeppendi mill-urġenza tal-każ. Fil-fatt, dawk li huma meqjusa bħala urġenti ma jistennewx biex jagħmlu l-MRI.

Seduta 87
08/02/2023

**TESTIJIET TAS-CT SCAN – WAITING LIST**

**5359. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila, bħala ġranet, il-waiting list biex isir CT Scan u kemm hemm persuni jistennew għal din il-proċedura sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

18/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija għal CT Scan jiddependi mill-urġenza tal-każ. Fil-fatt dawk li huma meqjusa bħala urġenti ma jistennewx biex jagħmlu CT Scan.

Seduta 87
08/02/2023

**SPTAR MATER DEI – ROBOTS LI JQASSMU L-PILLOLI**

**5360. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il robot li jqassam il-pilloli jinsabu fl-Isptar Mater Dei u f'liema wards/sezzjonijiet jinsabu u liema minnhom preżentement qed jiffunzjonaw u jagħtu l-mediċini?

18/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 5476.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – PERSONS OF TRUST**

**5361. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il person of trust jimpjega l-Ministeru għas-Saħħa u x'salarju għandhom kull wieħed u waħda minnhom?

18/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 27.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – PERSONS OF TRUST**

**5362. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il person of trust jimpjega l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u x'salarju għandhom kull wieħed u waħda minnhom?

18/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 202 tas-seduta Numru 11.

Seduta 87
08/02/2023

**PULIZIJA – PERSUNI TAĦT L-ETÀ LI NQABDU JIKKONSMAW ALKOĦOL F'PACEVILLE U L-BELT VALLETTA**

**5544. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza:
Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni taħt l-età legali nqabdu mill-Pulizija jikkunsmaw alkoħol f'Paceville u l-Belt Valletta b'mod separat minn Jannar sa Diċembru 2022?

23/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi mill-informazzjoni miġbura mill-Pulizija mid-distretti konċernati, in-numru ta' persuni taħt l-età legali li nqabdu jikkunsmaw alkoħol f'Paċeville u Valletta matul is-sena 2022 kien jammonta għal tletin (30).

Seduta 87
08/02/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI NQABDU JBIGĦU D-DROGA/SUSTANZI ILLEGALI F'PACEVILLE**

**5545. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid il-Pulizija kemm arrestaw persuni li nqabdu jbigħu d-droga/sustanzi illegali f'Paceville minn Jannar sa Diċembru 2022? Jista' jgħid kemm minn dawn ittellgħu l-Qorti u kemm minnhom kienu reċidivi?

23/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi minn Jannar sa Diċembru 2022 ġew arrestati sebgħa (7) persuni li nqabdu jbiegħu d-droga/sustanzi illegali f'Paceville, li minnhom ħamsa (5) ittellgħu l-Qorti waqt li t-tnejn l-oħra għad hemm investigazzjonijiet għaddejjin. Ħadd minn dawk arrestati ma kien reċidiv.

Seduta 87
08/02/2023

**PACEVILLE – SKWADRA SPEĊJALI TAL-PULIZIJA**

**5546. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkun hemm l-iskwadra speċjali tal-Pulizija għal Paceville li kemm-il darba l-Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija tkellmu u wegħdu lill-komunità f'Paceville?

23/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kontra għal dak li kien jiġri qabel l-2013, dan il-Gvern huwa kommess li jimplimenta l-wegħdiet tal-manifest elettorali tiegħu.

Seduta 87
08/02/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR –ENFORCEMENT NOTICES F'SAN ĠILJAN**

**5547. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' fejn inħarġu enforcement notices f'San Ġiljan u s'issa għadhom ma ttieħdu l-ebda passi fuqhom?

23/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika t-talba tiegħu.

Seduta 87
08/02/2023

**AIR MALTA AVIATION SERVICES**

**5580. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4976 kollha u ċjoè jagħti rendikont dettaljat ta' fejn dawn il-fondi kienu użati u għal xiex?

23/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 87
08/02/2023

**AIR MALTA - DIRECTORS LI HUMA IMPJEGATI MAL-KUMPANIJA**

**5584. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx directors li huma impjegati mal-Air Malta fi ħdan il-Kumpanija Aviation Services Handling Services Limited li tipprovdi ground handling lill-Air Malta li qed jibbenefikaw finanzjarjament minn profitti li tagħmel din il-kumpanija?

23/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi impjegat tal-Air Malta plc jokkupa l-kariga ta' Chief Operations Officer u jservi, (mingħajr ħlas), bħala Direttur fuq Aviation Services Handling Services Ltd.

Id-Direttur imsemmi ma jibbenefika minn ebda sehem mill-profitti tal-kumpannija tal-Ground Handling.

Seduta 87
08/02/2023

**TRANSPORT MALTA – RABAT - IMMANIĠĠAR TAT-TRAFFIKU**

**5587. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5274, jista' l-Ministru jgħid meta se jiġi fis-seħħ dan il-pjan minħabba li qed ikun hemm konġestjoni ta' kuljum għal dawn l-aħħar snin?

23/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-laqgħat mal-Kunsill Lokali tar-Rabat għadhom għaddejjin fil-waqt li Transport Malta qed torganizza wkoll laqgħat mal-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa u tal-Imdina sabiex nassiguraw li kulħadd ikun ikkonsultat bl-għan li tinstab l-aħjar soluzzjoni.

Seduta 87
08/02/2023

**NSO - ĦADDIEMA LI JAQILGĦU PAGA MEDJA**

**5621. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4980, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema b'kollox li jaħdmu fis-settur tal-catering, inkluż ristoranti u lukandi?

24/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' ħaddiema li jaħdmu fis-settur tal-catering, inklużi ristoranti u lukandi fl-ewwel 9 xhur tas-sena 2022 hu ta' 18,776 persuna. Dawn l-ammonti jinkludu l-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan is-settur - full-time u anke part-time, jew full-time with reduced hours, u jinkludu wkoll persuni li jaħdmu għal rashom.
Is-sors ta' din l-informazzjoni huwa l-Istħarrig dwar il-Ħaddiema u s-Suq tax-Xogħol (LFS).

Seduta 87
08/02/2023

**FTS – SPEJJEZ TAL-OPERAT**

**5622. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4983, jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, iforni l-ammonti sal-lum u s-sena li għaddiet u ta' qabel tal-ispejjeż operattivi tal-FTS u ammonti dovuti lill-banek?

24/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kopja tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2021 diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra, waqt li dawk tas-sena 2022 mistennija jiġu preżentati lill-Parlament sa l-aħħar ta' Marzu ta' din is-sena.

Seduta 87
08/02/2023

**MASTER PLAN GĦAL MALTA F'KAŻ TA' TSUNAMI**

**5623. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4979, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet referuta lilu, u jgħid jekk hemmx master plan jekk tsunami jolqot lil Malta? Hemm master plan iddedikat għal kull parti tal-gżejjer Maltin inkluż Għawdex? Hemm pjan għal siti sensittivi bħal Powerstation, Port Ħieles, Tanking taż-Żejt, Reverse Osmosis u siti oħra COMAH? Jekk iva, meta ġew aġġornati l-aħħar? Hemm żmien speċifiku meta dawn jeħtieġ li jiġu riveduti skont id-Direttiva SEVESO?

24/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm master plan li teknikament jissejjaħ bħala l-Pjan ta' Kontinġenza Nazzjonali: Tsunami. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili huwa direttament responsabbli għall-Pjan Nazzjonali f'każ ta' inċident maġġur kkawżat minn Tsunami. F'Novembru tas-sena 2021, dan il-pjan ġie eżerċitat fuq skala Nazzjonali, abbażi ta' xenarju xjentifiku li permezz tiegħu pparteċipaw stallazzjonijiet kritiċi kif ukoll il-komunità.

Infurmat li jeżisti master plan iddedikat għal kull parti tal-gżejjer Maltin inkluż Għawdex. Dan għaliex il-Pjan ta' Kontinġenza Nazzjonali huwa bbażat madwar qafas analitiku fuq diversi livelli, u jikkomprendi informazzjoni miġbura minn diversi sorsi awtorevoli tal-iStat. L-iskop tal-Pjan ta' Kontinġenza huwa wieħed Nazzjonali u jikkonsisti f'diversi xenarji b'elementi u arranġamenti dettaljati ħafna.

Infurmat ukoll li s-siti COMAH huma kollha responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-Pjanijiet ta' Emerġenza rispettivi tagħhom, kif mitlub mill-istess regolamenti u kif indokrat mill-awtoritajiet kompetenti maħtura fil-liġi, u ċjoè l-Protezzjoni Ċivili, l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Dawn l-awtoritajiet kompetenti kif diġà ngħad huma responsabbli għall-immaniġġar tal-Pjanijiet ta' Emerġenza. L-istallazzjonijiet COMAH huma kollha responsabbli għat-taħriġ (training), prattikar fis-seħħ (drills) u eżerċitar (exercises) tal-aspetti kollha tal-Pjanijiet ta' Emerġenza. Dan isir b'mod sistematiku u regolari, taħt il-ħarsien tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll, f'xi każijiet, parteċipazzjoni minn osservaturi internazzjonali.

Seduta 87
08/02/2023

**MARINE ENVIRONMENT - DATA RELATATA MAL-AMBJENT**

**5624. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4984, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet referuta lilha, u tgħid x'data dwar l-ambjent tal-baħar, Marine Environment, għandu l-Gvern? Minn fejn inġabret id-data? Tista' tipprovdi d-data relatata mal-ambjent marittimu lill-Parlament?

24/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dawn l-aħħar snin saru diversi studji fuq l-ambjent tal-baħar. Ħafna minn dawn l-istudji saru permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja fejn inġabret dejta fuq il-qiegħ tal-baħar (LIFE12 NAT/MT/000845), fuq speċi tal-baħar bħal dniefel, fkieren u għasafar tal-baħar (LIFE11 NAT/MT/1070 & EMFF 8.3.1) kif ukoll fuq il-kwalità tal-baħar permezz tal-implementazzjoni ta' proċessi ta' monitoraġġ (EMFF 8.3.1). Kompilazzjoni ta' din l-informazzjoni li ġiet irrapportata minn Malta reċentement tinsab fir-rapport fuq l-istat tal-baħar li ġie ppubblikat fl-2020 taħt id-Direttiva li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ambjent marin (MSFD). Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport, li hu anke aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-websajt tal-ERA.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – UFFIĊJALI LI QED JIĠU RIMBORŻATI GĦALL-UŻU TAL-KAROZZA PRIVATA TAGĦHOM FUQ XOGĦOL UFFIĊJALI**

**5766. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali fil-Ministeru għal Għawdex, inkluż id-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, li qegħdin jiġu rimborżati għall-użu tal-karozza privata tagħhom fuq xogħol uffiċjali? Jista' jgħid x'inhu l-grad tagħhom u l-pożizzjoni li qegħdin jokkupaw, kif ukoll l-ammont ta' flus li rċevew matul is-sena 2022 għal dan il-għan? Jista' jgħid ukoll min ta l-approvazzjoni għal tali rimborż f'kull każ?

30/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rimborż li l-uffiċjali qegħdin jirċievu huwa skont il-kuntratt jew ftehim kolletiv.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**5788. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

30/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tingħabar.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**5789. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

30/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tingħabar.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**5790. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

30/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tingħabar.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**5791. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

30/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISETRU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**5792. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

30/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**5793. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

30/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 87
08/02/2023

**PENSJONI TAR-ROMOL**

**5870. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5518 u jgħid illum kemm hawn nisa li jirċievu Pensjoni tar-Romol? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni kellhom dritt għall-pensjoni tagħhom, iżda minflok għażlu li jirċievu l-pensjoni tar-raġel?

31/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, n-numru ta' nisa li jircievu Pensjoni għar-Romol jammonta għal 17,435. Minnhom hemm 2,656 illi għażlu li jirċievu l-pensjoni tar-raġel minflok il-pensjoni tagħhom.

Seduta 87
08/02/2023

**PENSJONI TAR-ROMOL**

**5871. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5519 u jgħid illum kemm hawn irġiel li jirċievu Pensjoni tar-Romol? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni kellhom dritt għall-pensjoni tagħhom, iżda minflok għażlu li jirċievu l-pensjoni tal-mara?

31/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' rġiel li jircievu Pensjoni tar-Romol jammonta għal 495. Minnhom hemm 127 li għażlu li jirċievu l-pensjoni tal-mara minflok il-pensjoni tagħhom.

Seduta 87
08/02/2023

**QORTI TA' GĦAWDEX – IMPJEGATI BIL-GRAD TA' MARIXXALL**

**5887. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni impjegati fil-Qorti ta' Għawdex li għandhom il-grad ta' Marixxall?

31/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati hija waħda, u għalhekk tieħu ħsieb kemm il-Qrati ta' Malta kif ukoll dawk ta' Għawdex. Kif diġà infurmajt lil din il-Kamra fit-tweġibiet għall-Mistoqsijiet Parlamentari 1501 u 1671, l-Aġenzija għandha biżżejjed Marixxalli biex ikopru dawn id-dmirijiet u n-notifiki qed isiru b'mod iktar effiċjenti.

Seduta 87
08/02/2023

**ĦAL QORMI – MISRAĦ IŻ-ŻEBBUĠ - PROĠETT**

**5888. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta l-proġett f'Misraħ iż-Żebbuġ, f'Ħal Qormi?

01/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li bħalissa qed issir formazzjoni tal-passaġġi tal-istess ġnien u dan wara li sar xogħol ta' skavar u bini ta' ġibjun li se jkun qed jintuża għat-tisqija u irrigazzjoni tal-veġetazzjoni tal-istess ġnien.

Infurmat ukoll illi l-Kunsill Lokali flimkien mal-Perit tal-Kunsill jinsabu f'kuntatt kontinwu mal-kuntrattur, sabiex isir xogħol sew u fl-iqsar żmien possibbli.

Seduta 87
08/02/2023

**ĦAL QORMI – MISRAĦ IŻ-ŻEBBUĠ - PROĠETT**

**5889. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta l-proġett f'Misraħ iż-Żebbuġ, f'Ħal Qormi?

01/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-mistoqsija parlamentari 5889 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 87
08/02/2023

**LISTA TA' STENNIJA TAL-KATARRETI**

**5912. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5666 u jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għall-persuni li qed jistennew biex jagħmlu operazzjoni tal-katarretti? Kemm hija l-medja li wieħed idum jistenna biex jagħmel din l-operazzjoni?

01/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istennija għal operazzjoni tal-katarretti tiddependi mill-urġenza tal-każ. Waqt li dawk urġenti jkollhom appuntament ravviċinat, għal dawk li mhux meqjusa bħala urġenti l-istennija hija ta' madwar 257 ġurnata.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – NEGOTIATED PROCEDURE**

**5916. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti n-Negotiated Procedure li ħareġ il-Ministeru għal Għawdex: *MGOZ NP02/2023 - Supplies Negotiated Procedure for the Provision of Incontinence Diapers, Pull-Ups, Pads and Inco Sheet for Senior Citizens and Persons with Special needs for the Ministry for Gozo*"? Jista' jgħid għaliex ħarġet permezz ta' negotiated procedure u għal kemm hu l-perjodu ta' żmien ta' din is-sejħa, kemm hi stmata u meta tagħlaq?

01/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm proċeduri fil-Qorti għaddejjin fuq it-tender tal-Incontinence Diapers, Pull-Ups, Pads and Inco Sheets fro Senior Citizens and Persons with Special Needs. Minkejja dan, is-servizz irid jibqa' jingħata.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – INĊENTIVI GĦAL KUMPANIJI FL-INDUSTRIJA DIĠITALI**

**5918. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' inċentivi (fiex kienu jikkonsistu) offra l-Ministeru tiegħu biex jiġu attirati kumpaniji u kemm ġew attirati fl-Industrija Diġitali 'digital companies' fil-gżira Għawdxija fil-binja tal-Gozo Innovation Hub fix-Xewkija, Għawdex? Jista' jgħid fil-preżent x'tip ta' inċentivi qed joffri l-Ministeru tiegħu biex jiġu attirati kumpaniji fl-Industrija Diġitali?

01/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 87
08/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA FUQ XOGĦOL TA' EMBELLISHMENT**

**5919. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-toroq, areas, ġonna u roundabouts f'Għawdex li huma indukrati/miżmuma (embellished) mill-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid kemm hemm ħaddiema fuq dan ix-xogħol u xi grad għandhom?

01/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 87
08/02/2023

**ANIMAL WELFARE DEPARTMENT – SPEZZJONIJIET F'GĦAWDEX**

**5920. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5391 u jgħid kemm saru spezzjonijiet mid-Dipartiment tal-Animal Welfare fil-gżira ta' Għawdex tul is-snin 2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid kemm ittieħdu passi legali fuq trattament mhux xieraq ta' annimali fl-istess perjodu fil-gżira ta' Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm-il sid ġie mwiddeb mingħajr ma ttieħdu passi? Kemm minnhom tressqu l-Qorti? Jista' jagħti break down sena b'sena?

01/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li matul l-2020, l-2021 u l-2022 għamel 107 spezzjonijiet f'Għawdex. It-tabella segwenti turi kemm ittieħdu passi legali fuq trattament mhux xieraq ta' annimali, kemm il-sid ġie mwiddeb mingħajr ma ttieħdu passi u kemm minnhom tressqu l-Qorti sena b'sena. Fil-bqija tal-ispezzjonijiet ma nstab l-ebda ksur ta' liġi.

| | **2020** | **2021** | **2022** |
|---|---|---|---|
| Numru ta' Spezzjonijiet | 32 | 50 | 25 |
| Numru ta' Passi Legali | 1 | 3 | 5 |
| Kemm-il sid ġie mwiddeb mingħajr ma ttieħdu passi | 7 | 17 | 8 |
| Kemm-il sid ġie mressaq il-Qorti | 1 | 3 | 4 |

Seduta 87
08/02/2023

**INFRASTRUCTURE MALTA – TENDERS, DIRECT ORDERS U KONĊESSJONIJIET LIL KUMPANIJA**

**5930. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4090 u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-tenders, direct orders u konċessjonijiet oħra li Infrastructure Malta tat lill-individwu li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament u/jew kumpaniji/joint ventures jew partnership li fiha kien involut (inkluż imma mhux limitat għal dawk mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament ukoll)?

01/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Kif jaf l-Onor. Interpellant, il-kollegi tiegħu talbu żewġ investigazzjonijiet dwar dak li qed jistaqsi hu. Għalhekk fid-dawl li l-informazzjoni mitluba issa hi suġġett ta' din l-investigazzjoni, ma jkunx għaqli li tiġi ppubblikata f'dan l-istadju. Dan fl-interess ukoll tal-investigazzjoni nnifisha.

Seduta 87
08/02/2023

**MINA MIS-SWIEQI/PEMBROKE GĦAL PACEVILLE**

**5931. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4620 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3866, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal l-istudju msemmi minnu f'din it-tweġiba? Jista' jgħid jekk hux informat li biex l-iżvilupp mill-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, iseħħ, l-Awtorità tal-Ippjanar għamlet din il-mina bħala kundizzjoni?

01/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn l-istudji għadhom għaddejjin.

Seduta 87
08/02/2023

**ĦAL QORMI – ĊENTRU TAS-SAĦĦA – MAKNA TAL-X-RAY**

**5948. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ilha bil-ħsara l-magna tal-X-Ray fil-poliklinika ta' Ħal Qormi? Jista' jagħti data ta' meta se tissewwa u tibda titħaddem mill-ġdid?

02/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħala parti mir-rinnovar fiċ-ċentru għas-saħħa ta' Ħal Qormi, fil-ġimgħat li ġejjin ser tiġi installata magna ġdida u moderna tal-X-Rays fil-poliklinika ta' Ħal Qormi b'teknologija diġitali li se tippermetti ħafna aktar tipi ta' interventi li jsiru Ħal Qormi stess.

Seduta 87
08/02/2023

**WIED IL-GĦAJN – TRIQ IL-KNISJA – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**5960. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq il-Knisja, f'Wied il-Għajn, hux se tiġi asfaltata mill-ġdid billi sejra lura?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali, fosthom dak ta' Wied il-Għajn, fejn talbithom jagħtu lista ta' toroq li għandhom bżonn xogħol infrastrutturali u li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjn. Dan skont skeda dettaljata li qed tiġi diskussa u maqbula magħhom.

Seduta 87
08/02/2023

**WIED IL-GĦAJN – TRIQ IL-KNISJA – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**5961. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq il-Knisja, f'Wied il-Għajn, hux se tiġi asfaltata mill-ġdid billi sejra lura?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li t-triq inkwistjoni tagħmel parti minn lista ta' toroq illi l-istess Kunsill talab lill-entità kkonċernata sabiex issir mill-ġdid.

Infurmat ukoll li fil-frattemp ser issir il-manutenzjoni u l-patching temporanju kollu li jkun hemm bżonn min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala.

Seduta 87
08/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ KURVETTI – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**5962. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Kurvetti, f'Raħal Ġdid, hux se tiġi asfaltata mill-ġdid billi sejra lura?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali, fosthom dak ta' Raħal Ġdid, fejn talbithom jagħtu lista ta' toroq li għandhom bżonn xogħol infrastrutturali u li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjn. Dan skont skeda dettaljata li qed tiġi diskussa u maqbula magħhom.

Seduta 87
08/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ KURVETTI – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**5963. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Kurvetti, f'Raħal Ġdid, hux se tiġi asfaltata mill-ġdid billi sejra lura?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid illi l-Kunsill riċentement talab lill-entità kkonċernata sabiex titranġa l-iktar parti li għandha bżonn attenzjoni tat-triq imsemmija u dan minħabba li x-xoghol inkwistjoni ma jaqax fil-kompitu tal-Kunsill Lokali rispettiv.

Għalhekk, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tieghu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 87
08/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ VALLETTA – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**5964. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Valletta, f'Raħal Ġdid, hux se tiġi asfaltata mill-ġdid billi sejra lura?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 5962.

Seduta 87
08/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ VALLETTA – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**5965. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Valletta, f'Raħal Ġdid, hux se tiġi asfaltata mill-ġdid billi sejra lura?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid illi l-Kunsill riċentament talab lill-entità kkonċernata sabiex titranġa l-iktar parti li għandha bżonn attenzjoni tat-triq imsemmija u dan minħabba li x-xogħol inkwistjoni ma jaqax fil-kompitu tal-Kunsill Lokali rispettiv.

Għalhekk nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 87
08/02/2023

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS – PUBLIC TENDER**

**5993. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5620, peress li t-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari li rreferieni għaliha ma tweġibx il-mistoqsija li saritlu, għaliex il-mistoqsija tiegħi kienet rigward is-sejħa tal-kuntratt li kien skada fl-2020, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5620 u jgħid jekk il-kuntratt li kien skada fl-2020 ingħatax wara sejħa pubblika għall-offerti? Jekk iva, jista' jgħid meta nħarġet din is-sejħa?

02/02/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** B'referenza għar-risposti tad-domandi 5620 u 4046, ninforma lill-Onor. Interpellant li dak li twieġeb sar wara li ħarġet sejħa pubblika.

Seduta 87
08/02/2023

**KAŻ PENDENTI – VERIFIKAZZJONI U REĠISTRAZZJONI**

**5994. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5670, jista' l-Ministru jgħid meta beda l-proċess tal-verifikazzjoni u reġistrazzjoni?

02/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għall-mistoqsija 5670.

Seduta 87
08/02/2023

**KAŻ PENDENTI**

**5995. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi dwar il-każ li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatament?

02/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-mistoqsija 5714.

Seduta 87
08/02/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – KONĊESSJONIJIET FIL-BAJJA TA' LITTLE ARMIER**

**5996. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta daħlu fis-seħħ il-konċessjonijiet li ngħataw mill-Awtorità tal-Artijiet fil-Bajja ta' Little Armier għat-tliet lidos li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll għal kemm-il sena ngħataw, meta jiskadu u lil min ingħataw?

02/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-mistoqsija 5714.

Seduta 87
08/02/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SEJĦA PUBBLIKA GĦAL GĦOTI TA' KONĊESSJONJIET FIL-BAJJA TA' LITTLE ARMIER**

**5997. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħa pubblika li saret sabiex jingħataw il-konċessjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet fil-Bajja ta' Little Armier għat-tliet lidos li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament?

02/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet pubbliċi.

Seduta 87
08/02/2023

**FIAU – CENTRAL MONITORING COMMITTEE – MEMBRI LI DDIKJARAW KUNFLITT TA' INTERESS**

**6011. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm istanzi fis-snin 2020, 2021 u 2022 fejn membri tas-Central Monitoring Committee fi ħdan il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) iddikjaraw kunflitt ta' interess u ma pparteċipawx f'deċiżjonijiet? Meta kienu dawn l-istanzi u liema kienu l-membri tas-Central Monitoring Committee?

02/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità m'għandha l-ebda kumitat bħal dan fl-istruttura tagħha.

Seduta 87
08/02/2023

**MFSA – RAPPORTI GĦAND IL-WHISTLEBLOWER**

**6012. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti għand il-Whistleblower tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) sena b'sena mis-sena 2015 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

02/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 87
08/02/2023

**MFSA - UFFIĊJALI**

**6013. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min hu jew huma l-uffiċjali fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) li għandhom aċċess għall-email, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament?

02/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 87
08/02/2023

**MFSA – EXECUTIVE COMMITTEE – PERSUNI LI HUMA MĦALLFIN JEW MAĠISTRATI**

**6014. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni fi ħdan l-Executive Committee tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) li huma mħallfin jew maġistrati?

02/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 22821 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 87
08/02/2023

**MFSA – CENTRAL MONITORING COMMITEE – RAPPORTI MILL-PUBBLIKU TA’ KUNFLITT TA’ INTERESS LI GĦANDHOM IL-MEMBRI**

**6015. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk mill-2016 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kienx hemm rapporti mill-pubbliku ta' kunflitt ta' interess li seta' kellhom jew għandhom membri tas-Central Monitoring Committee tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA)? X’passi ħadet l-MFSA dwar dawn ir-rapporti?

02/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità m'għandha l-ebda kumitat bħal dan fl-istruttura tagħha.

Seduta 87
08/02/2023

**MFSA – EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA’ AĦBARIJIET LOKALI**

**6016. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il email b’mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta’ aħbarijiet lokali jew internazzjonali ma ġewx imwieġba mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar 2023? Jista' jgħid min fi ħdan l-MFSA jiddeċiedi jekk mistoqsijiet jiġux mwieġba jew le?

02/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f’seduta oħra.

Seduta 87
08/02/2023

**SIĠĠIEWI – TRIQ PATRI ĠUŻEPP DELIA - TINDIF**

**6036. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jara hux possibbli li Triq Patri Ġużepp Delia, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li l-istess Kunsill qiegħed fil-fażi finali tal-evalwar tat-tender wara li kien hemm xi dewmien.

Intant infurmat mill-istess Kunsill li t-toroq jinkinsu bi skeda, liema skeda il-Kunsill Lokali ser jara illi tiġi rispettata.

Seduta 87
08/02/2023

**SIĠĠIEWI – TRIQ IL-FAWWARA - TINDIF**

**6037. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq il-Fawwara, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li l-istess Kunsill qiegħed fil-fażi finali tal-evalwar tat-tender wara li kien hemm xi dewmien.

Intant infurmat mill-istess Kunsill li t-toroq jinkinsu bi skeda, liema skeda il-Kunsill Lokali ser jara illi tiġi rispettata.

Seduta 87
08/02/2023

**SIĠĠIEWI – TRIQ LORENZO GAFÀ - TINDIF**

**6038. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Lorenzo Gafà, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li l-istess Kunsill qiegħed fil-fażi finali tal-evalwar tat-tender wara li kien hemm xi dewmien.

Intant infurmat mill-istess Kunsill li t-toroq jinkinsu bi skeda, liema skeda l-Kunsill Lokali ser jara illi tiġi rispettata.

Seduta 87
08/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL MARBUT MAN-NEW WATER**

**6061. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti r-raġuni għaliex ix-xogħol marbut man-New Water fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar ma ġiex konkluż? Meta hu mistenni li x-xogħol kollu jiġi konkluż? Tista' l-Ministru tieħu l-passi neċessarji biex tassigura li fejn diġà tqiegħdu l-pajpijiet, isir ix-xogħol li baqa' u jsir l-asfalt qabel ma sseħħ xi traġedja fl-istess triq?

03/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li x-xogħlijiet infrastrutturali għal aċċess tan-New Water fl-inħawi tal-Imbordin kif ukoll fi Triq Għajn Tuffieħa jinsabu għaddejjin kif skedati.

Seduta 87
08/02/2023

**KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA – KOORDINAZZJONI MA' ENTITAJIET O·RA RIGWARD XOG·OL**

**6062. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'koordinazzjoni twettaq il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma' entitajiet oħra meta l-istess Korporazzjoni tkun ser tagħmel trinek għal servizzi tagħha, bħal fil-każ tan-New Water fl-inħawi tal-Mellieħa u San Pawl il-Bahar?

03/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li qabel ix-xogħol jitwettaq min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jinħareġ avviż permezz ta' Road Works Permit f'każ ta' xogħlijiet f'toroq pubbliċi, u Planning Authority Permit f'każ ta' xogħlijiet li mhux f'toroq pubbliċi. Dawn l-avviżi jagħtu lok sabiex entitajiet oħra jipprovdu l-kummenti tagħhom jekk ikun hemm il-bżonn. Din hija prassi u ma tagħmilx distinzjoni bejn proġett u ieħor.

Seduta 87
08/02/2023

**TRIQ BEJN IX-XEMXIJA U GĦAJN TUFFIEĦA – RESURFACING**

**6063. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali Mellieħa u l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ressqux rappreżentazzjonijiet/protesti/ilmenti formali dwar il-fatt li t-triq mix-Xemxija sa Għajn Tuffieħa baqgħet ma ġietx resurfaced wara li saru xogħlijiet fiha mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma? Jekk tressqu tali rappreżentazzjonijiet/protesti/ilmenti formali, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tagħhom?

03/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li min-naħa tal-istess kunsill kien hemm kuntatti verbali mal-uffiċjali konċernati tal-entità kkonċernata, li permezz tagħhom sar magħruf li hekk kif jitlesta x-xogħol fuq it-trinek u t-tqegħid tal-mains tan-new water, ser tidħol l-aġenzija kkonċernata sabiex tiksi mill-ġdid Triq Għajn Tuffieħa bit-tarmak.

Seduta 87
08/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ TONI BAJADA - BOZZA MA TIXGĦELX**

**6064. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5752 dwar bozza ma tixgħelx fi Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tara li din l-aħħar bozza fit-triq imsemmija (in-naħa ta' Triq il-Knisja), li ritratt tagħha qed jingħata separatament, tibda tixgħel mill-aktar fis hekk kif għadha mitfija sal-ġurnata li fiha qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari?

03/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-bozza li qed tirreferi għaliha ġiet irranġata. Ikun aħjar li rapporti jsiru direttament lill-Kunsill Lokali jew l-Enemalta biex jitranġaw bozoz.

Seduta 87
08/02/2023

**REVERSE VENDING MACHINES – AĊĊESSIBILITÀ**

**6065. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista aġġornata ta' fejn jinsabu r-Reverse Vending Machines madwar Malta u Għawdex? Tista' tgħid kemm mit-320 Reverse Vending Machines madwar Malta u Għawdex li l-operatur liċenzjat obbligat jinstalla, baqa' biex jiġu installati? Tista' tgħid fiex waslu d-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-operatur privat li qed iħaddem din l-iskema dwar soluzzjonijiet sabiex ikun hemm iktar aċċessibilità għall-anzjani u persuni oħra li mhux possibbli għalihom li jużaw dawn il-magni?

03/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bil-lista ta' Reverse Vending Machines. Infurmata li fil-ġranet li ġejjin se jibdew joperaw 8 RVMs oħra u jkun fadal 7 RVMs biss biex jiġu installati minn 320. Wara diskussjonijiet mal-Gvern, l-Operatur qiegħed jagħmel eżerċizzju ta' analiżi fir-rigward tal-installazzjoni ta' RVMs li jaċċettaw kwantità ta' fliexken f'daqqa. It-testing ta'dawn it-tip ta' RVMs ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

Fil-frattemp infurmata li l-Operatur tal-Iskema, BCRS Malta ltd, qiegħed f'diskussjonijiet ma' organizzazzjoni governattiva li toffri servizz ta' trasport bla ħlas għall-anzjani biex dan is-servizz ikun estiż għall-Iskema; jiġifieri, li jiġi offrut servizz tat-trasport sabiex l-anzjani jkunu jistgħu b'mod iktar faċli jaċċessaw il-magni u jiddepożitaw il-fliexken tagħhom meta jagħżlu li jitwasslu biex jagħmlu l-qadjiet tagħhom fil-komunità.

Seduta 87
08/02/2023

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - PROĠETTI LI GĦANDHOM PERMESSI VALIDI MILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**6066. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5684, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma l-40 proġett approvati u liema huma t-tliet proġetti li qed jistennew approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar u dan kif mitlub fl-istess mistoqsija parlamentari?

03/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 87
08/02/2023

**BELT VALLETTA – BINI TA' DAR TAL-ANZJANI**

**6072. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jipprovdi Dar tal-Anzjani fil-Belt Valletta? Jekk iva, jista' jgħid jekk ġiex identifikat xi post, fejn ser tkun qed tinbena u meta ser ikunu qed jibdew ix-xogħlijiet fuq din id-dar?

03/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità m'għandux pjanijiet biex għalissa jibni dar tal-anzjani fil-Belt Valletta. Dan ma jfissirx li l-anzjani fil-Belt Valletta huma żvantaġġjata għax is-servizzi kollha li jinħtieġu xorta qed ikunu pprovduti lilhom.

Seduta 87
08/02/2023

**BELT VALLETTA – BINI TA' ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM**

**6073. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jipprovdi Ċentru ta' Matul il-Jum fil-Belt Valletta? Jekk iva, jista' jgħid jekk ġiex identifikat xi post, fejn qiegħed dan il-post u meta ser ikunu qed jibdew ix-xogħlijiet fuq dan iċ-ċentru?

03/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jorganizza attivitajiet għall-anzjani fil-Valletta Design Cluster. Saru żewġ programmi li kienu mmirati speċifikament għall-persuni anzjani li joqogħdu fil-Belt Valletta. Dawn il-programmi saru bejn Marzu u Ġunju 2022 u minn Settembru sa Diċembru 2022. Qed isiru tħejjijiet biex aktar attivitajiet għall-anzjani Beltin jsiru fil-futur qrib.

Seduta 87
08/02/2023